Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 382/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Curmi)**
**Vs**
**Roberto Magro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. fil-15 ta’ Jannar, 2007, f’tas-Sliema, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Mary Vella skond kif iccertifikat it-Tabiba Caroline Griscti MD tal-Isptar San Luqa, ai termini tal-artikoli 214 u 221 tal-kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta tali reat, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, ai termini ta’ l-

artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2009, li biha, ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu minn tali akkuza, w wara li rat l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali sabitu hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamsin Euro (€50).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassar, tirrevoka w tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati w tikkonferma l-parti tas-sentenza li fiha sabitu mhux hati tat-tieni akkuza w konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija li taghha nstab hati w dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni maghmul fis-seduta tal-lum li bih preliminarjament ecceppiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ghax dan gie prezentat "fuori termine" u cioe' oltre t-tmint ijiem ta' xoghol mid-data tas-sentenza appellata ;

Semghet it-trattazzjoini dwar din l-eccezzjoni ;

Peress illi jirrizulta li r-rikors tal-appell gie prezentat fis-27 t' Ottubru, 2009 u cioe' disat ijiem (9) ta' xoghol wara li nghatat is-sentenza appellata w dana ovvjament bl-applikazzjoni tal-principju tad-*"dies a quo non computantur in termine"* , u jidher li dan sar bi ksur tal-vot espress tal-ligi li fl-artikolu 417 (1) tal-Kap.9 jiddisponi li :-

*"L-appell jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b' rikors li ghandu jigi ipprezentat fi zmien tmint ijiem ta' xoghol…"*

U peress li dan, skond gurisprudenza kostanti, gie ritenut li jimporta n-nullita’ tar-rikors tal-appell, tiddikjara l-istess rikors irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------